# Il-Ħadd 07.11.2021

1. Illum 07/11:-
   - Fl-4:00pm - Quddiesa fiċ-ċimiterju li fiha jsir it-tberik tal-oqbra.
     *Ma jkollniex il-Quddiesa tal-5:30pm*.

   **N.B. F'każ ta' maltemp il-quddiesa ssir fil-knisja parrokkjali fil-5:30pm.**

   - Infakkar li b'rabta maċ-ċimiterju, qed tinġabar ukoll il-kontribuzzjoni ta' € 15 biex intaffu l-ispejjeż marbuta mal-iskip relatata mat-tindif tal-oqbra, il-konsum tal-ilma u l-elettriku, li jkopri s-Sistema tal-Cameras tas-Sigurtà, u l-bozoz tal-fanali fuq l-oqbra. Napprezza wkoll il-ġenerożità tagħkom jekk toffru donazzjoni biex inkomplu ntaffu xi spejjeż tal-manutenzjoni taċ-ċimiterju.
   - Infakkar li matul dan ix-xahar ta' Novembru huwa miftuħ il-booking tal-intenzjonijiet tal-Quddies għas-sena 2022 b'suffraġju għall-familjari, qraba, u ħbieb mejtin tagħkom. Minħabba is-sitwazzjoni li qegħdin fiha, min jixtieq jagħmel dan mitlub iħalli envelop b'ismu u kunjomu u *contact* (Mobile, telefon, jew email) fil-*letterbox* tal-Uffiċċju Parrokkjali, u ġo fih jara li jkun hemm il-lista bl-ismijiet tal-intenzjoni, bil-jum u l-ħin tal-quddiesa mitluba, flimkien mal-offerta tal-quddies. Imbagħad jiġi kkuntattjat mill-Kappillan biex jgħarrfu bid-dati u l-ħinijiet miktuba.

2. Il-Ħadd 14/11, **Jum il-Foqra**:
   - Fl-10:30am - Quddiesa bis-Sagrament tal-Magħmudija.

3. Avviżi oħra:-
   - Il-Parroċċa tagħna ser tippubblika d-Djarju-Direttorju b'informazzjoni u bl-attivitajiet parrokkjali għas-sena 2022. Dawk li huma interessati jirreklamaw fih jew jisponsarjaw xi paġna, mitluba jinfurmaw lill-Kappillan mill-aktar fis.
   - Waqt li napprezzaw is-sehem tal-letturi u l-animaturi preżenti fil-quddies, u nħeġġuhom biex jibqgħu jagħtu sehemhom, nappellaw sabiex ikollna persuni disposti li jkunu letturi u animaturi ġodda, sew ta' matul il-ġimgħa u sew tal-Ħadd. Min hu mħajjar jagħti dan is-servizz, jinforma lil-Kappillan.

4. Matul din il-ġimgħa daħlu:-
   - € 140 bħala ġabra tal-Quddies tal-Ħadd li għadda;
   - € 50 bħala donazzjonijiet b'risq il-Missjoni li nġabru mill-envelopes
     (Hekk ilħaqna total ta' € 805).
   - € 180 bħala donazzjonijiet b'risq il-manutenzjoni tal-knisja u l-proġetti ta' restawr.
   - Infakkar biex qabel toħorġu tħallu d-donazzjoni tagħkom ġol-qfief fejn is-**Sanitizing Points**, **illum jgħoddu bħala ġabra speċjali b'risq il-manutensjoni tal-knisja u l-proġetti ta' restawr.** Nitlobkom tkunu ġenerużi u grazzi bil-quddiem.